# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Janika Smith**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Janika Smith** detentriċi tal-karta tal-identita' numru 355198M u li permess tagħhom ġiet mixlija talli:

> Diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u talli, nhar id-dsatax ta' Novembru, 2016 u fil-granet, ġimgħat u xhur ta' qabel, gewwa GS Store fi Triq l-Imdina, Hal Qormi, f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommettiet serq ta' flus kontanti, għad-dannu ta' Vincent Cilia, id-diriġenti tal-GS Store u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema serq huwa aggravat, bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-persuna.

Rat ukoll illi matul is-seduta tal-20 ta' Novembru 2016 l-Uffiċjal Prosekutur qara u ħalef l-imputazzjoni.

Rat illi l-Qorti waqt l-eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 390 tal-Kodiċi Kriminali wieġbet illi mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra taghha u dan wara li kienet ukoll debitament assistita mill-konsulent legali tagħha Dr. Yanika Bugeja.

Rat ukoll illi l-Qorti għaddiet biex tibda tisma' l-provi miġjuba fil-konfront tal-imputata.

Rat illi permezz ta' nota tar-rinviju għall-ġudizzju datata 5 ta' Diċembru, 2017 l-Avukat Ġenerali dehrlu li mill-atti tal-kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija setgħet tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub l-artikolu 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll fl-artikoli 261 (c) (d), 267, 268, 280 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ddeċieda li kif hemm maħsub fl-Artikolu 370 (3) (a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jibgħat lill-imputata sabiex tiġi ġġudikata mill-Qorti hawn fuq imsemmija.

Rat ukoll illi matul is-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2018, l-imputata debitament assistita irreġistrat ammissjoni għall-imputazzjoni kollha kif kontestata lilha.

Il-Qorti wara li wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħha għall-imputazzjoni kontestata lilha inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex isibha ħatja u tikundanna għall-piena li tista tkun wahda karċerarja jew pieni ohra statutorji. Wara li tagħtha żmien biżżejjed biex tikkonsulta mal-Avukat Difensur u tiddeċiedi jekk hux ser terġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnha semgħet lill-imputata itenni illi hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mtennija l-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr hlief illi ssibha ħatja skond kif imputata.

Intant il-Qorti rat li matul is-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2018, hija ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara li l-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar dan il-każ.

Rat ukoll illi matul is-seduta tat-8 ta' Novembru 2018 il-Qorti semgħet lill-Ufficjal tas-Servizzi tal-*Probation u Parole* Donnalise Camilleri minn fejn irriżulta li Janika Smith kienet qed tiġi segwita fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni mill-istess Uffiċċjal sa mill-20 ta' Novembru, 2016. Rat ukoll li l-istess uffiċjal tenniet li matul dawn l-aħħar sentejn, l-imputata issottomettiet ruħha għal testijiet tal-urina b'mod regolari u li kull test irriżulta fin-negattiv għas-sustanzi illeċiti tal-kokaina, kannabis, u eroina. Hija wkoll kienet fittxet l-għajnuna mill-aġenzija Sedqa. Tenniet ukoll illi ta min wiehed isemmi illi fil-prezent l-imputata qed tistenna

tarbija u hija kienet tinsab motivata sabiex twettaq siegħat ta' Ordni fil-Komunita wara li titwieled it-tarbija. U ghaldaqstant l-istess Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet illi l-imputata Janika Smith kienet kandidata idoneja sabiex twettaq Ordni ta' Servizz fil-Komunita.

Semgħet lill-partijiet għal darb'oħra jittrattaw fuq il-piena idoneja f'dan dan il-każ.

# *DECIDE*

illi wara li rat l-Artikoli preżentati mill-Avukat Ġenerali u cioe' l-artikoli 261 (c) u (d), 267, 268 u 280 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, non che l-artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha stess, il-Qorti qegħda ssib lil **Janika Smith**, ħatja tal-imputazzjonijiet kontestati lilha.

Illi kwantu ta' piena pero, il-Qorti rat illi fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ mhux spedjenti illi twaħħal piena u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-ħatja taħt Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum. Inoltre wara li rat l-Artikoli 11 u 18 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tordna illi l-ħatja tagħmel Servizz fil-Komunita' għall-perjodu ta' mitt siegħa illi għandhom jiġu mwettqa sa żmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza. Rat ukoll l-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna illi kwalunkwe ammont jew bilanċ rimanenti dovut illi jitħallas lill-parte civile għandu jsir fi żmien mhux

aktar tard minn tlett snin mil-lum. Inoltre l-ħatja iddikjarat illi hija taqbel mal-Ordni mogħtija fis-sentenza ta' din il-Qorti, liema ordnijiet jinsabu f'digrieti li qed jiġu annessi ma' din is-sentenza u li jiffurmaw parti integrali minnha. Inoltre stante illi ma jirrizultax illi saru ħatriet ta' esperti jew spejjeż matul il-kors ta' din il-kawza il-Qorti tastjeni milli takkolla l-ispejjeż skont l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti qegħda tibgħat l-atti kollha inkluż din is-sentenza lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol skont il-Liġi.

***Mogħtija illum 8 ta' Novembru 2018 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***